MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1143/2003

**BIM Limited**
**vs**

**Bezzina Brothers Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-6 ta’ Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta’ tlett mija u sittin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm360.47) rapprezentanti bilanc minn somma akbar u prezz ta’ ghamara mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess, skond ma jirrizulta mill-anness statement of account Dok.A;**
**Illi s-socjeta` konvenuta kienet interpellata thallas diversi drabi l-istess ammont, inkluz b’ittra ufficjali tal-5 ta’ Jannar, 2001, debitament notifikata, izda baqghet dejjem inadempjenti minkejja diversi weghdi li kienet ser thallas, bl-ahhar pagament akkont taghha ikun dak tal-31 ta’ Mejju, 2002 fl-ammont ta’ Lm550.16;**
**Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta’ l-ittra gudizzjarja imsemmija, u bl-imghax kummercjali sad-**

**data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li konvenut ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fit-8 ta’ Lulju, 2003, li biha gie cedut il-mertu stante pagament izda inzamm ferm il-kap ta’ l-ipejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Jannar, 2001.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------